# Prijoritajiet

Meta ġejt biex niffissa l-prijoritajiet tiegħi għall-ħames snin li ġejjin fil-Parlament Ewropew, jiena kont imnebbaħ mit-twemmin tiegħi bħala Soċjalista Ewropew li ċ-ċittadin m'għandux ikun sempliċi numru fil-kalkoli politiċi tagħna iżda għandu jkun, minflok, iċ-ċentru tal-politika fl-Ewropa.

Il-qagħda ekonomika globali kurrenti hija l-**ogħla prijorità** għall-UE. Hemm Pjan għall-Irkupru Ekonomiku Ewropew li jindirizza sensiela ta' problemi ekonomiċi u finanzjarji u jipprovdi qafas kif l-ekonomija Ewropea tista' terġa' tibda tikber fl-istess ħin li tevita ripetizzjoni ta' dan it-tip ta' kriżi. Iżda hemm bżonn li l-Pjan ikun monitorat u aġġornat biex iwieġeb għax-xenarju kif jinbidel.

It-**tieni prijorità** hija li l-perspettiva soċjali tkun integrata fix-xibka ekonomika u politika, minflok inħalluha tkun vittma tal-valuri neo-liberali u kapitalisti li wassluna fl-għemm li qegħdin fih. Hawnhekk neħtieġu li niżguraw li ċ-ċittadin ordinarju jingħata "fair deal" u li jkollu l-ogħla ħarsien mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni.

It-**tielet prijorità fundamentali** hija l-Ambjent. L-Ewropa għandha tkun il-mutur ta' ħidma favur l-ambjent u fuq quddiem biex tħares lid-dinja mill-effetti ħżiena ta' bidla fil-klima u biex ikollha enerġija aktar nadifa.

Ir-**raba' prijorità** hija li l-Unjoni tittratta l-immigrazzjoni llegali bl-urġenza u bil-passi konkreti li jixirqulha. Il-poplu Malti għandu jserraħ moħħu darba għal dejjem li l-UE tagħmel interventi qawwija u f'waqthom.

**Prijoritajiet oħra** jinkludu l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u ħidma favur il-paċi u biex it-tilwim jissolva bla ġlied.

Forsi tidher aġenda ambizzjuża. Madankollu, nemmen li tista' tagħti kontribut pożittiv biex iċ-ċittadini Maltin ikollhom risq u serħan tal-moħħ.